DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' April 2013

dwar rapporti annwali li jikkonċernaw spezzjonijiet mhux diskriminatorji li twettqu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97

(notifikata bid-dokument C(2013) 2098)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/188/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 30(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 jistabbilixxi r-regoli għat-trasport ta' annimali vertebrati ħajjin ġewwa l-Unjoni, inkluż il-kontrolli speċifiċi li għandhom jitwettqu mill-uffiċjali fuq konsenji li jidħlu jew joħorġu mit-territorju doganali tal-Unjoni L-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 jipprovdi li l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li kien hemm konformità mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament, billi twettaq spezzjonijiet mhux diskriminatorji tal-annimali, il-mezzi ta' trasport u d-dokumenti ta' akkumpanjament ("spezzjonijiet mhux diskriminatorji").

(2) Barra minn hekk, l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 jipprovdi li sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali għas-sena preċedenti dwar l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji ("ir-rapporti annwali"). Ir-rapporti annwali għandhom ikunu akkumpanjati minn analiżi tan-nuqqasijiet maġġuri misjuba u pjan ta' azzjoni sabiex jindirizzahom.

(3) Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-impatt tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport [2] ikkunsidra li għandhom jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-kontrolli li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005.

(4) Dak ir-rapport ikkonkluda li l-istruttura tas-sistema ta' rapportar għandha tkun iżjed armonizzata, għaliex b'hekk tkun qed tipprovdi dejta aħjar u iktar komparabbli.

(5) Għalhekk, din id-Deċiżjoni għandha tistabbilixxi formola mudell armonizzata għar-rapporti annwali u, sabiex jonqos il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, għandha tipprovdi wkoll biex ir-rapporti annwali jiġu sottomessi lill-Kummissjoni b'mod elettroniku.

(6) L-awtorità kompetenti għandha twettaq spezzjonijiet mhux diskriminatorji matul stadji differenti tal-vjaġġ. Dawn jitwettqu qabel it-tluq, matul il-vjaġġ, kif jaslu fid-destinazzjoni u wara li jitlesta l-vjaġġ. Matul spezzjoni mhux diskriminatorja, l-awtorità kompetenti tista' twettaq għadd ta' kontrolli biex tivverifika l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-iċċekkjar tal-annimali biex tara li huma b'saħħithom biżżejjed biex jiġu ttrasportati; l-iċċekjar li l-mezz ta' trasport jissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew li t-trasportatur għandu l-awtorizzazzjonijiet neċessarji. It-trasportatur jista' jkun infurmat dwar dan minn qabel jew le.

(7) It-trasportaturi spiss jantiċipaw li l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji jkunu se jitwettqu qabel it-tluq fuq vjaġġi twal bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi u wara li jaslu fid-destinazzjoni meta hija biċċerija, u li dawn l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji spiss jinkludu l-iċċekkjar ta' għadd kbir ta' annimali. Għalhekk, fir-rapporti annwali dawk l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji għandhom ikunu elenkati separatament mill-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji aleatorji u bbażati fuq ir-riskju li spiss ma jkunux antiċipati u jistgħu jkopru għadd iżgħar ta' annimali.

(8) L-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji li jitwettqu qabel jew matul il-vjaġġ jinkludu verifiki mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament li jkun meħtieġ li jkun magħmul disponibbli għaliha. Dawk l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji għandhom jiġu kkunsidrati separatament mill-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji li jitwettqu wara li jitlesta vjaġġ, li jinkludu verifiki tar-reġistri tal-vjaġġ jew l-istampar tal-mapep tas-sistemi tan-navigazzjoni, bl-għan uniku ta' verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1.4, 1.5, 1.7 u 1.8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu V tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ.

(9) Għalhekk, sabiex ikun żgurat tqabbil kif suppost mal-informazzjoni miġbura matul l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji, din id-Deċiżjoni għandha tipprovdi għal tliet tipi differenti ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji biex jiġu rapportati separatament għall-fini tar-rapporti annwali. Dawn it-tliet tipi ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji għandhom ikopru: (a) spezzjonijiet mhux diskriminatorji li jitwettqu fil-post tat-tluq qabel ma l-annimali jiġu ttrasportati fuq vjaġġi twal bejn l-Istati

[1] ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.
[2] COM(2011) 700 final.

Membri u ma' pajjiżi terzi, u wara li l-annimali jinħarġu mill-mezz ta' trasport fil-post tad-destinazzjoni meta dan ikun biċċerija; (b) spezzjonijiet mhux diskriminatorji li jitwettqu matul il-vjaġġ; u (c) spezzjonijiet mhux diskriminatorji li jitwettqu wara li jitlesta l-vjaġġ biex tiġi vverifikata l-konformità mal-ħtiġijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ.

(10) Matul spezzjoni mhux diskriminatorja, l-awtorità kompetenti tista' tivverifika annimal wieħed jew iktar, il-mezzi ta' trasport u d-dokumenti ta' akkumpanjament. Ir-riżultat tal-ispezzjoni mhux diskriminatorja jista' jirriżulta fis-sejba ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 mill-awtorità kompetenti u l-azzjoni li tittieħed minnha biex tindirizza n-nuqqas ta' konformità. It-tqabbil kif suppost tar-riżultat ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji bħal dawn fl-Istati Membri jirrikjedi li dawn jiġu kkunsidrati u jiġu rrapportati f'manjiera armonizzata.

(11) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2015 sabiex tagħti biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi nazzjonali tagħhom tal-ġbir tad-dejta għall-informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti annwali skont din id-Deċiżjoni.

(12) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli dwar ir-rapporti annwali tal-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji li għandhom jiġu sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju kull sena f'konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 ("ir-rapporti annwali").

Dawk ir-regoli jikkonċernaw l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża mill-Istati Membri fir-rapporti annwali dwar l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji fuq l-annimali, il-mezzi ta' trasport u d-dokumenti ta' akkumpanjament li għandhom jitwettqu mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 ("spezzjonijiet mhux diskriminatorji") u l-manjiera li fiha għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni.

Artikolu 2

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapporti annwali u l-formola mudell

1. Ir-rapporti annwali għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja dwar l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji, maqsuma skont l-ispeċi tal-annimal u skont it-tip ta' spezzjoni mhux diskriminatorja, u kif jissemma fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni u fin-noti ta' spjegazzjoni stipulati fl-Anness II tagħha:

(a) l-għadd totali ta' tipi differenti ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji li jitwettqu mill-awtorità kompetenti li matulhom jiġu ċċekkjati l-annimali, il-mezzi ta' trasport jew d-dokumenti ta' akkumpanjament, kif jissemma fit-Taqsima A tat-Tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness I u fil-Parti 1 tal-Anness II;

(b) l-għadd ta' annimali, il-mezzi ta' trasport jew id-dokumenti ta' akkumpanjament li ġew iċċekkjati effettivament mill-awtorità kompetenti matul l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji, kif jissemma fit-Taqsima B tat-Tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness I, li għandhom jinkludu biss:

(i) l-għadd ta' annimali li ġew iċċekkjati fiżikament;

(ii) l-għadd ta' mezzi ta' trasport li ġew iċċekkjati fiżikament; madankollu, ma għandux jinkludi l-kontrolli li jiffurmaw parti mill-proċedura tal-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005;

(iii) l-għadd ta' dokumenti ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 4(2) u 6(1), (5), (8) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 u fil-paragrafi 5 u 8 tal-Anness II tiegħu li ġew magħmula disponibbli lill-awtorità kompetenti u ċċekkjati minnha.

Meta matul spezzjoni jkunu ġew iċċekkjati iktar minn dokument ta' akkumpanjament wieħed, dan jista' jiġi ddikjarat bħala verifika ta' dokument wieħed.

(c) il-kategorija u l-għadd ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 li nstabu mill-awtorità kompetenti matul l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji, kif jissemma fit-Tabella 2 tal-Parti 2 tal-Anness I u fil-Parti 2 tal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(d) il-kategorija u l-għadd ta' azzjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti mas-sejba ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, kif jissemma fit-Tabella 3 tal-Parti 2 tal-Anness I u fil-Parti 3 tal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(e) analiżi tan-nuqqasijiet maġġuri misjuba matul l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji u pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati, kif jissemma fil-Parti 3 tal-Anness I.

2. Dan ir-rapport annwali għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni f'forma elettronika f'konformità mal-formola mudell tar-rapport annwali stipulata fl-Anness I u mimlija f'konformità man-noti ta' spjegazzjoni stipulati fl-Anness II.

Artikolu 3

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Formola mudell tar-rapporti annwali li għandhom jiġu sottomessi mill-Istat Membru lill-Kummissjoni, kif jissemma fl-Artikoli 1 u 2

RAPPORT ANNWALI

dwar spezzjonijiet mhux diskriminatorji ta' annimali, mezzi ta' trasport u dokumenti ta' akkumpanjament li jitwettqu skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005

PARTI 1

— Stat Membru: **[Stat Membru]**

— Sena li fiha l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji msemmija f'dan ir-rapport annwali twettqu mill-awtorità kompetenti: **[ssss]**

Dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti responsabbli mit-twettiq tal-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji msemmija f'dan ir-rapport annwali jew mis-sottomissjoni tar-rapport:

Isem u funzjoni tal-uffiċjal responsabbli fl-awtorità kompetenti .....

.....

Awtorità kompetenti .....

Indirizz .....

Posta elettronika .....

Numru tat-telefown .....

PARTI 2

[Stat Membru]

[ssss]

Tabella 1

Tipi ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji mwettqa skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005

Taqsima A: għadd ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji mwettqa mill-awtorità kompetenti

Taqsima B: għadd ta' annimali, mezzi ta' trasport u dokumenti ta' akkumpanjament iċċekkjati matul l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji

Speċi (*):	Bovini			Porċini			Ovini ~ Kaprini			Ekwini			Speċijiet Oħrajn (speċifika u żid il-kolonni skont il-bżonn)		
Tipi ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji (**)	1	2	3	1	2	3	1	2	3	1	2	3	1	2	3
Taqsima A															
Għadd ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji															
Taqsima B															
Annimali															
Mezzi ta' trasport															
Dokumenti ta' akkumpanjament															

(*) Elenka l-għadd ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji fit-Taqsima A u elenka l-għadd ta' annimali, mezzi ta' trasport u dokumenti ta' akkumpanjament iċċekkjati fit-Taqsima B, separatament għall-ispeċijiet differenti tal-annimali.
(**) Irreferi għall-Parti 1 tan-Noti ta' Spjegazzjoni stipulati fl-Anness II.

Tabella 2

Kategorija u għadd ta' każijiet ta' nuqqasijiet ta' konformita mar-Regolament (KE) Nru 1/2005 misjuba matul l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji pprovduti fl-Artikolu 27(1) tiegħu

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità (*)															
1. Stat ta' saħħa tal-annimali li se jivvjaġġaw															
2. Prattiki tat-trasport, kemm hemm spazju, għoli															
3. Mezzi ta' trasport u dispożizzjonijiet oħrajn għall-bastimenti tal-annimali ħajjin jew bastimenti li jittrasportaw il-kontejners tal-baħar, u għall-vjaġġi twal															

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità (*)															
4. Perjodi li fihom jieklu u jixorbu, il-ħiniijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ															
5. Dokumentazzjoni															
6. Każijiet oħrajn ta' nuqqas ta' konformità															
Għadd totali ta' nuqqasijiet ta' konformità	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—

(*) Irreferi għall-Parti 2 tan-Noti ta' Spjegazzjoni stipulati fl-Anness II.

Tabella 3

Kategorija u għadd ta' azzjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti wara li nstabu l-każijiet ta' nuqqasijiet ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 1/2005

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità (*)															
A. Penalitajiet imposti															
B. Infurzar u skambji ta' informazzjoni															

(*) Irreferi għall-Parti 3 tan-Noti ta' Spjegazzjoni stipulati fl-Anness II.

PARTI 3

Analiżi tan-nuqqasijiet maġġuri misjuba matul l-ispezzjonijiet mhux diskriminatorji u l-pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati kif ipprovdut fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005

[Stat Membru]

[ssss]

1. **ANALIŻI TAN-NUQQASIJIET MAĠĠURI MISJUBA MATUL L-ISPEZZJONIJIET MHUX DISKRIMINATORJI**

Għall-għan ta' dan ir-rapport annwali, dawn li ġejjin ġew ikkunsidrati bħala nuqqasijiet maġġuri:

.....

.....

.....

.....

.....

.....

2. **PJAN TA' AZZJONI BIEX JIĠU INDIRIZZATI N-NUQQASIJIET DESKRITTI TAĦT IL-PUNT 1.**

ANNESS II

Noti ta' Spjegazzjoni għall-formola mudell tar-rapport annwali stipulata fl-Anness I, kif jissemma fl-Artikolu 2

PARTI 1

Tipi ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji mwettqa mill-awtorità kompetenti

Tipi ta' spezzjonijiet mhux diskriminatorji	Il-verifiki mwettqa:
1. Fil-post tat-tluq, kif ipprovdut fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 u wara li l-annimali ħarġu mill-mezzi ta' trasport fil-post tad-destinazzjoni, meta hija biċċerija.	Annimali Mezzi ta' trasport Dokumenti ta' akkumpanjament
2. Matul il-vjaġġ	Annimali Mezzi ta' trasport Dokumenti ta' akkumpanjament
3. Wara li jitlesta l-vjaġġ għall-verifika tal-konformità mal-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ	Dokumenti ta' akkumpanjament – Reġistri tal-vjaġġ jew stampar tal-mapep tan-navigazzjoni

PARTI 2

Kategoriji ta' nuqqasijiet ta' konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005

Kull spezzjoni mhux diskriminatorja li titwettaq mill-awtorità kompetenti tista' tirriżulta fis-sejba ta' iktar minn każ wieħed ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005

Kategorija ta' nuqqas ta' konformità	Dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005
1. Stat ta' saħħa għall-vjaġġ	L-Artikolu 3(b) Il-Kapitolu I u l-paragrafu 1.9 tal-Kapitolu VI tal-Anness I
2. Prattiki tat-trasport; kemm hemm spazju; għoli intern.	L-Artikolu 3(d), (e) u (g) Il-paragrafu 1.2 tal-Kapitolu II u l-Kapitoli III u VII tal-Anness I
3. Mezzi ta' trasport u dispożizzjonijiet oħrajn għall-bastimenti tal-annimali ħajjin jew bastimenti li jitt-rasportaw il-kontejners tal-baħar u għall-vjaġġi twal.	L-Artikolu 3 (c) u (h) Il-Kapitoli II, IV u VI tal-Anness I
4. Perjodi li fihom jieklu u jixorbu, il-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ	L-Artikolu 3(a), (f) u (h) Il-Kapitolu V tal-Anness I
5. Dokumentazzjoni tat-trasport; awtorizzazzjonijiet tat-trasportaturi; ċertifikati tal-kompetenza tas-sewwieq u approvazzjoni tal-mezzi ta' trasport. Reġistri tal-vjaġġ, minbarra n-nuqqasijiet ta' konformità msemmija taħt il-kategorija 4.	L-Artikolu 4, l-Artikolu 5(4), l-Artikolu 6(1), (5) u (8), l-Artikolu 17(2) L-Anness II
6. Kwalunkwe nuqqas ta' konformità ieħor mhux inkluż fil-kategoriji preċedenti.	

PARTI 3

Kategoriji ta' azzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti biex tindirizza l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005

Kategorija ta' Azzjoni	Azzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti
A	Penalitajiet imposti skont ir-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005.
B	Infurzar u skambji ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikoli 23 u 26 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005.